MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Numru 134/2005

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras u
Sp Silvio Valletta)
vs
Mansur Hamid magħruf bħala
Nasser, iben Mokter, imwieled
Tripoli, Libja fil-5 ta' frar, 1975

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fit-3 ta' frar, 2005, jew fil-jiem ta' qabel, ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom għamara u senter, mill-fond numru 184, Triq ix-Xatt ta' Santa Marija, Mellieħa liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-lok u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin li sar għad-dannu ta' Giovanni Maria Sammut minn Birkirkara;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ta’ Giovanni Maria Sammut liema ħsara hi ta’ aktar minn għaxar liri maltin iżda anqas minn ħamsin lira maltin;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi żamm jew ġarr arma tan-nar u cioe’ senter tal-marka Bernardelli, bin-numru 170471, mingħajr ma kellu liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ frar, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi li ġew miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu fl-ewwel udjenza ta’ din il-kawża u ikkolabora bi sħiħ mal-pulizija. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk fi żmien erba’ snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------